# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*
# U SKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STUDJI SOĊJALI (*OPTION*)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem :** ___________________________ **Klassi :** ________________________

**Taqsima A**

**Agħti eżempji biex tfisser dawn il-kliem KOLLHA li ġejjin.**

1. Pressjoni Demografika
2. Dittatorjat
3. Pluraliżmu
4. Gruppi Etniċi
5. Ideoloġiji
6. Deċentralizzazzjoni
7. Ekonomija tal-Fortizza
8. Sanzjoni
9. Interdipendenza
10. Diversifikazzjoni

**Total: 10 x 2 marki = 20 marka**

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

*Għalkemm illum sirna nirreferu għad-dinja bħala villaġġ globali, xorta din hija maqsuma f'200 nazzjon, kollha bil-kultura tagħhom u ħafna drabi b'kulturi differenti fl-istess pajjiż. Naraw li l-vjolenzi li ħakmu pajjiżi bħal ex Unjoni Sovjetika, l-ex Jugoslavja, il-Lvant Nofsani, is-Sri Lanka u pajjiżi oħra, ġiegħlu lill-popli biex ikunu intolleranti mill-kulturi tal-oħrajn. Imma llum aktar minn qatt qabel is-soċjetajiet għandhom aktar kuntatt ma' xulxin u jafu l-kulturi ta' xulxin.*

1. X'nifhmu bil-kelma kultura? Għaliex huwa importanti li poplu jitgħallem jgħożż il-kultura tiegħu? (3 + 2 = 5 marki)
2. Semmi **ĦAMES** eżempji ta' elementi li jgħinuna nagħrfu kultura minn oħra. (5 x 1 = 5 marki)
3. Kull kultura tiġi influwenzata minn kulturi oħra u Malta xejn inqas. Spjega kif dan qed jiġri fil-kuntest Malti. (5 marki)
4. Xi jġiegħel poplu jkun intolleranti lejn poplu ieħor? Kif tidher din l-intolleranza? (2 + 3 = 5 marki)
5. X'inhu s-sabiħ ta' pajjiż li jgawdi minn multikulturaliżmu? (5 marki)

**Total: 25 marka**

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

*L-edukazzjoni effettiva teħtieġ tagħlim kemm formali mill-iskejjel kif ukoll informali. It-tfal u ż-żgħażagħ għalhekk għandhom jiġu mħeġġa biex jieħdu sehem fi gruppi ta' tagħlim mhux formali u rikreattivi bħal organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, fejn jistgħu jiġu ffaċilitati u aċċertati l-ħiliet soċjali u ta' tmexxija, il-kreattività, u l-produzzjoni kulturali (għall-kuntrarju tal-konsum). L-importanza li jitjieb il-potenzjal kreattiv taż-żgħażagħ u apprezzament aktar profond tal-kultura u l-arti hija riflessa b'mod ċar fil-Politika Nazzjonali Maltija dwar iż-Żgħażagħ (2003).*

1. Spjega u uri li taf id-differenza bejn tagħlim formali u informali. (5 marki)
2. Għaliex hu importanti li ninvestu tant riżorsi fiż-żgħażagħ? (5 marki)
3. X'importanza għandhom l-NGO's fil-ħajja ċivika tal-pajjiż? (5 marki)
4. Hemm min jaħseb li ż-żgħażagħ huma nies irresponsabbli u moħħhom fix-xalar. Bħala żagħżugħ jew żgħażugħa xi tgħid dwar dan? (5 marki)
5. Taħseb li s-sistema edukattiva tal-lum qed tipprovdi l-ħiliet neċessarji fiż-żgħażagħ biex dawn isiru adulti kompetenti u ċittadini responsabbli? (5 marki)

**Total: 25 marka**

**Taqsima D**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 300 kelma.**

1. Uri li tagħraf d-differenza bejn pajjiż demokratiku u pajjiż totalitarju f'dak li hu rispett għad-drittijiet umani u libertajiet li jgawdi ċ-ċittadin.
2. Spjega kif l-industrijalizzazzjoni ġabet bidliet f'kull aspett tal-ħajja.
3. X'nifhmu b'*sottokultura*? Taħseb li ż-żgħażagħ jagħmlu parti minn sottokultura?
4. F'dawn l-aħħar snin rajna s-settur tal-manifattura jonqos. Għaliex taħseb li qed jiġri hekk u x'effett qed iħalli dan fuq is-soċjetà Maltija?
5. F'kull stadju tal-ħajja ser ikun hemm aġenti ta' soċjalizzazzjoni li ser iħallu effett fuqna iżjed minn oħrajn. Ikteb dwar dawn l-aġenti li niltaqgħu magħhom tul ħajjitna.

**Total: 30 marka**

**Total 100 marka**